**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Arthur Mercieca)**

**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**Andy (Andre) Zammit**

**Kaz Nru: 107/2015**

**Illum 30 ta' Jannar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Andy (Andre) Zammit detentur tal-karta tal-identita numru 372375M.

Akkuzat talli fit-28 ta' Jannar 2015 ghal habta ta' 13:00 hrs gewwa Pembroke ikommetta serq ta' diversi oggetti liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi €232.94, bil-mezz, u bil-lok u dan ghad-dannu ta' Maria Lourdes Caruana u/jew persuni ohra.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta hsara liema hsara jeccedi il-€250 ghad-dannu ta' Maria Lourdes Caruana u/jew persuni ohra.

U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Art 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie msijub hati ta' diversi delitti, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali u l-artikoli msemmija fl-istess u li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi tratttat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet tal-parte civile u l-imputat. Jigi rilevat li l-imputat nonostante li kellu terminu sabiex jipprezenta n-nota tieghu dan ma sarx u ghazel li jipprezenta n-nota tieghu tardivament u biss fit-28 ta' Jannar 2019. Nonostante li lanqas intalab minn din il-Qorti l-permezz sabiex l-istess nota tigi ammessa nonostante t-tardivita' taghha, din il-Qorti qeghda tammettiha fl-atti u hadet ukoll konjizzjoni taghha.

**Ikkunsidrat**

L-imputat jinsab akkuzat b'serq aggravat bil-valur li jeccedi l-€232.94, bil-mezz u bil-lok li twettaq fit-28 ta' Jannar 2015 li kkommetta hsara volontarja u gie addebitat bir-recediva.

Mhux kontestat mill-provi prodotti li fil-fatt twettqet serqa fil-garaxx tal-konjugi Caruana fid-data indikata u li insterqu monitor u decoder tac-CCTV. Il-qafas tad-decoder instab jumejn wara izda

ghalkemm saru tentativi l-impronti li nstabu fuqu ma kienux tajbin ghall-komparazzjoni. Ghaldaqstant il-Qorti sejra tirreferi ghax-xhieda sabiex jigi determinat jekk setax kien l-imputat li wettaq din is-serqa.

Illi **M'Lourdes Caruana** xehdet[1] li xi hadd fetah il-garaxx taghha u seraq id-decoder u li xi hadd ghattilha l-camera. Tghid li precedentement ghal dan l-akkadut hija kienet ghamlet diversi rapporti lill-pulizija[2] billi sabet diversi hsarat fuq il-karozza tal-familja f'diversi drabi. B'hekk l-Ghassa ta' San Giljan tawha parir li tinstalla alarm u cctv camera. Dawn twahhlu fl-10 ta' Settembru 2014 u minn dakinhar ma sabitx aktar hsarat fil-karozza. Spjegat li fit-28 ta' Jannar 2015 daqqitilha l-alarm u kif nizlet fil-garaxx flimkien ma' persuna ohra sabet li l-bieb kien miftuh, il-camera mghottija u monitor u decoder misruqa. Ippruvat tfittex fl-iskips u fix-xaghri izda ma sabet xejn dakinhar. Bdew iduru l-vicinanzi u sabet bicca mill-wire f'tarag li jaghti ghall-basement u gharfet li l-wire kien taghha. B'hekk ghamlet rapport u marru tal-forensika u elevaw il-filmati. Fit-30 ta' Jannar ghall-habta tas-7:40p.m kienet fil-kamra tas-sodda li ghandha t-twieqi jaghti fuq ir-rampa u fuq ix-xaghri u rat lill-imputat gej minn wara sigra minn gox-xaghri u kellu xi haga f'idu izda ma setghetx tara x'kienet. Kien hemm ic-cint, il-vann ipparkjat fir-rampa wiccu 'l isfel u tefa' xi haga wara c-cint u ratu bit-torc tal-mowbajl. Rat lil wahda minn tal-flat niezla bil-vann taghha ghall-garaxx u gie xi had b'jeep abjad ipparkja quddiem il-vann tal-imputat u baqa' gol-vann biex jekk jitlaq l-imputat jitla' floku fit-tarf tar-rampa u r-ragel baqa' gol-vann. L-imputat nizel ghal gol-fire door. Qalet lir-ragel biex jinzlu jiccekkjaw minhabba xi vendikazzjoni izda kif raw lill-imputat regghu telghu. Wara ftit minuti rega' nizel bil-lift u ratu taht ic-cint fejn heba l-affarijiet. Nizlet tigri, ghaddiet mill-front door u ratu niezel u baqghet tistenna sakemm telaq. Rat li dak ir-ragel tal-jeep abjad kien ghadu hemm u

[1] Fil-11 ta' Frar 2015
[2] Dok MC1 a fo 32 tal-process

staqsitu jekk l-imputat kellux xi haga f'idu u qalilha le. Telghet fuq ic-cint u rat il-cover tad-decoder taghha u cemplet l-ghassa u l-cover gie elevat. Wiehed mill-girien Steve cemplilha jghidilha li ra lill-imputat tiela' jigri bil-hood mgholli ghall-vann. L-imputat huwa wiehed mill-girien taghha. **Joseph Caruana** xehed[3] fuq l-istess binarju ta' martu. Jikkonferma li ftit granet wara ra lill-imputat jaqbez mic-cint u dahal mill-fire door, halla z-zarbun wara l-bieb imbexxaq u rega' niezel fix-xaghri u martu rat lill-imputat jarmi xi haga taht ic-cint. Huma cemplu lill-pulizija u meta marru sabu d-decoder. Huwa qal li f'xi zmien kien hemm hbiberija mal-imputat.

**Stephen Caruana** xehed[4] li l-Erbgha 28 ta' Jannar 2015 kien wasal id-dar mix-xoghol bil-karozza ghal gol-entratura tal-garaxx. Kif kien niezel qabel ir-rampa sema' alarm idoqq u ra lill-imputat tiela' mir-rampa ghal fuq id-drive. Ix-xhud baqa' niezel ghal isfel u sema' l-alarm u nduna li kienet ta' Joe Caruana u nnota li kien hemm bicca plastik li tghatti l-camera. Ipparkja u tela' jcempel lill-parte civile. Nizel maghha, marret tiftah il-katnazz tal-garaxx u kif fethet il-bieb infitah wahdu ghax is-serratura kienet miftuha u ndunat li l-monitor kien insteraq. L-imputat meta rah kien tiela' lejn il-karozza tieghu li kienet ipparkjata barra. Kien liebes hoodie blu u jeans.

**L-ex-Spettur Carol Fabri** xehdet[5] li fit-28 ta' Jannar 2015 dahal rapport li persuna jew persuni dahlu go garaxx u kienu serqu decoder u monitor minn gewwa garaxx. Bhala pulizija tad-distrett marru fuq il-post biex jaraw jekk kienx hemm xi cameras li setghu jghinu fl-investigazzjoni billi min kien instab l-ebda sgass. Gie nnutat li ma' camera minnhom kien hemm karta sabiex tghatti l-vizwalita' ta' min kien diehel jew hiereg fejn din giet elevata u gew innutati wkoll xi cameras li gew elevati ghal footages[6]. Minn tali footage jidher f'hin minnhom l-imputat b'kaxxa hamra tal-luminata jew tal-inbid li deher sejjer lejn id-direzzjoni tal-garaxx li saret is-serqa fih. Jumejn wara kellhom informazzjoni li l-imputat deher fix-

[3] Fis-6 ta' Mejju 2015
[4] Fil-11 ta' Frar 2015
[5] 16 ta' Frar 2015
[6] Dok CF

xaghri ta' quddiem ir-residenzi jahbi xi haga li fil-fatt kienet il-qafas tad-decoder il-misruq u ghalhekk intalab il-hrug ta' mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat li eventwalment irrilaxxja stqarrija. Saret ukoll tfittxija fid-dar tal-imputat fejn gie elevat id-decoder tieghu peress li wahda mill-cameras gewwa l-garaxxijiet hija tieghu. Il-kaxxa l-hamra li tidher fil-footage kienet ukoll fil-garaxx tal-imputat.

**PS 1540 Edmond Fenech** xehed[7] li fit-30 ta' Jannar 2015, M'Lourdes Caruana cemplet l-ghassa u kienet stqarret li rat lill-imputat faccata tax-xaghri fejn toqghod u nizlet hemm u sabet id-decoder li kien insteraq. Hija qalet li rat lill-imputat u li kien huwa li tefa' dawn l-affarijiet. Ix-xhud qal li infatti sab il-case tad-decoder fuq il-post indikat u huwa bagaht ghall-imputat u saret tfittxija fil-vettura tieghu u r-residenza tieghu u ma nstab xejn. Ix-xhud qal ukoll li mir-residenza tal-imputat gie elevat id-decoder tieghu li kien imqabbad mat-televixin.

**Karen Lee Gauci** xehdet[8] li hija toqghod fil-blokka ta' appartamenti li joqoghdu fiha kemm il-parte civile u l-imputat. Fit-28 ta' Jannar 2015 il-partner taghha tela' fuq u qalilha li l-alarm tal-garaxx tal-flat no 9 daqq u b'hekk hija avzat lis-sid u nizlu isfel u sabu l-lock u l-bieb tal-garaxx miftuhin u d-decoder u l-camera neqsin mill-garaxx. Xi jumejn wara hija rat lill-imputat jaqbez ic-cint fejn kellu l-land rover tieghu ipparkjat u kif nizlet mir-rampa diehla ghall-garaxx kien wieqaf quddiem il-karozza tieghu. Dan kien ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija. Imbaghad il-parte civile nizlet u raw id-decoder fil-post fejn kien qabeż l-imputat.

**L-espert Joseph Mallia** xehed[9] u pprezenta rapport[10]. Huwa spjega li kien irtira case ta' decoder, ghatu u qiegh. Darhom ghal fingerprints, iffotografhom qabel gie ezaminat. Ghalkemm instabu fuqu diversi impronti digitali pero' minn aktar analizi rrizulta li

[7] Fil-25 ta' Marzu 2015
[8] Fis-6 ta' Mejju 2015
[9] Fis-6 ta' Mejju 2015
[10] Dok JM a fol 101 tal-process

dawn l-impronti huma qbid, huma swaba izda ma fihomx id-dettalji li dawn jistghu jigu komparati.

**L-espert Dr Steven Farrugia Sacco** ipprezenta r-rapport tieghu[11] u spjega li huwa hareg fotogrammi relattivi minn Dok CF u Dok AM2.

**L-Ispettur Arthur Mercieca** xehed[12] li fit-28 ta' Jannar 2015 gie infurmat fir-rigward tar-rapport tas-serqa inkwistjoni. Kien kellem lil Maria Lourdes Caruana u kienet qaltlu li ssusspettat fl-imputat minhabba li kellhom diversi kwistjonijiet bejniethom. Ix-xhud qal li huwa kien ezamina l-filmat tac-CCTV li kien gie elevat minn gewwa r-residenza u fil-hin li sehhet is-serqa kienet dehret persuna li kienet gabet kaxxa tal-plastik tal-luminata sabiex setghet titla' u timmanuvra mac-CCTV camera u fil-fatt minn tfittxija li wettqet l-Ispettur Carol Fabri kienet sabitha fil-garaxx tal-imputat. L-Ispettur qal li kellem lil certu Stephen li kien infurmah li ezatt kif appena dahal kien ra lill-imputat hiereg mill-imsemmija garaxxijiet u ghalhekk ikkonferma li dak il-persuna li ra fil-footage kien proprju l-imputat. Sussegwentement ittehditlu stqarrija.

**L-imputat** xehed[13] li l-hinijiet tax-xoghol tieghu huma ta' night shift ossija mis-sebgha ta' filghaxija sat-tlieta w nofs ta' filghodu. Kif jispicca jmur lura d-dar. Huwa qal li gie mghajjat mill-pulizija u infurmawh li kien se jigi arrestat fuq serq ta' decoder. Huwa tahom il-versjoni tieghu fejn huwa qalilhom li dakinhar hareg ghax-xoghol. Kif nizel fir-rampa fejn kellu l-vettura pparkjata nesa c-cwievet u peress li kien sar il-hin biex ihaffef ghadda minn fuq ic-cint, tela' fl-appartament, gab ic-cwievet u telaq ghax-xoghol. Qal ukoll li fl-arja tal-garaxxijiet hemm seba' entraturi u hrug u bhalma kien hemm huwa kien hemm nies ohra bhalma jidher fil-filmat. Huwa cahad li fetah xi garaxx li mhux tieghu. Rigward id-decoder mehud mir-residenza tieghu rrizulta li dan kien mitfi u dan billi il-main ta' barra kien mitfi. Dakinhar tat-28 ta' Jannar 2015 huwa wasal ghall-habta tas-siegha. Kien temp ta' xita, nizel inaddaf il-gutters ghax dejjem

---

[11] Fit-2 ta' Dicembru 2015, Dok SFS a fol 181 tal-process
[12] Fit-13 ta' Jannar 2016
[13] 8 ta' Jannar 2018

jeghreq u mar jiccekkja jekk irceviex xi kont jew ittri. Ipparkja l-vettura tieghu fejn ma kinitx ta' ostaklu u mar jorqod. In kontro-ezami qal li fil-blokka ta' appartamenti m'ghandu argumenti ma' hadd. Huwa qal li mhux minnu dak li xehed Stephen Caruana li hekk kif daqqet l-alarm ra lilu jahrab minn fuq il-post. Ighid li dakinhar kien liebes jogging suit. Jichad ukoll li rema d-decoder fejn instab. Il-materjal li nehha mill-gutters tefghu fil-kaxxa tal-luminata.

**Ikkunsidrat**

F'dan l-istadju jehtieg li jigi rilevat li inkwantu ghall-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat, din il-Qorti tqis li ghandhom jigu skartati u dan peress li l-imputat ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju. Dan abbazi ta' dak deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018; kif ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** deciza fl-20 ta' Novembru 2018; kif ukoll **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[14]**.**

Kif diga' gie rilevat l-imputat jinsab akkuzat b'serq aggravat bil-valur li ma jeccedix l-€2,329.37, bil-mezz u bil-lok.

Mill-provi prodotti jirrizulta li din is-serqa kienet ikkwalifikata bil-valur li ma jeccedix l-€2,329.37. Irid jigi rilevat li d-dokumentazzjoni ezebita mill-parte civile ma gewx ikkonfermati bil-gurament mill-kumpanija li hargithom u li wettqet ix-xogholijiet. Biss pero' m'hemmx dubju li l-valur ta' decoder u monitor fis-suq jeccedi l-ammont ta' €232.94. Gie ppruvat li s-serq kien ikkwalifikat ukoll bil-lok billi l-garaxx inkwistjoni jifforma parti mill-bini fejn jghixu l-parte civile. Mill-provi prodotti x-xhieda qalu li sabu l-bieb tal-garaxx inkwistjoni miftuh izda li ma kienx hemm sgass u ghalhekk tali kwalifika ma gietx ippruvata.

[14] Qorti Kostituzzjonali deciza fl-14 ta' Dicembru 2018

Il-kwistjoni li trid tigi determinata hija jekk kienx l-imputat li wettaq din is-serqa. Bla ebda dubju l-imputat ghandu ness mal-binja inkwistjoni u dan billi huwa ghandu garaxx fl-istess binja u appartament. L-imputat jichad b'mod kategoriku l-involviment tieghu f'din is-serqa. Biss pero' din il-Qorti ma tqisx li l-versjoni moghtija mill-imputat taghtih wisq konfort ghaliex mhiex kredibbli. Filwaqt li ma kienx hemm xhud okulari ghal din is-serqa u lanqas irrizultaw l-impronti digitali tal-imputat fuq il-cover tad-decoder rekuperat dan ma jfissirx li l-imputat ghandu jigi liberat. Tant huwa hekk li fil-kaz odjern hemm diversi provi indizjarji[15] li jippuntaw lejn sejbien ta' htija ossija:

- Stephen Caruana xehed li dakinhar tal-akkadut kif kien niezel ghall-garaxx, qabel ir-rampa sema' alarm idoqq u ra lill-imputat tiela' mir-rampa ghal fuq id-drive. Ix-xhud baqa' niezel ghal isfel u sema' l-alarm u nduna li kienet ta' Joe Caruana u nnota li kien hemm bicca plastik li tghatti l-camera.
- Ghalkemm huwa pacifiku li l-imputat ghandu garaxx ukoll fl-istess ambjenti, madankollu il-versjoni moghtija minnu li nizel inaddaf il-gutters fil-basement minhabba x-xita mhux wisq kredibbli meta titqabbel ma' dak li inghad mix-xhud Caruana li jghid li ra lill-imputat tiela' lejn il-karozza tieghu li kien ipparkjat barra.
- Kwindi m'hemmx dubju li l-imputat kien fuq ix-xena tad-delitt fil-hin li twettqet is-serqa.

[15] Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u lprovi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa mportanti flisfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza flismijiet Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil: "Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika". Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci – Dan gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Mejju, 2016

- Il-kredibilita' tal-imputat tkompli titnaqqar ghaliex sahansitra anki inkwantu ghal dak dikjarat ta' huwa x'kien liebes ma jghidx il-verita'. Jibqa' jsostni li kien liebes jogging suit meta apparti mix-xhieda ta' Stephen Caruana hemm il-filmat tac-cctv li jikkonferma li kien liebes hoodie u jeans.
- L-ex-spettur Carol Fabri xehdet li hekk kif waslu fuq il-post gie nnutat li ma camera minnhom kien hemm karta sabiex tghatti l-vizwalita' ta' min kien diehel jew hiereg. Hija kompliet u jidher anki mill-footage elevat li l-imputat kellu kaxxa hamra minn dawn tal-luminata jew inbid li deher li kien sejjer fid-direzzjoni tal-garaxx li minnu twettqet is-serqa. Tali kaxxa kienet ukoll fil-garaxx tal-imputat.
- Il-parte civile xehdet li dakinhar tat-28 ta' Jannar 2015 marret anki tfittex fl-iskips u fix-xaghri biex tara jekk l-oggetti li ttiehdu kienux hemm izda ma sabet xejn.
- Jirrizulta li jumejn wara l-parte civile u anke zewgha nnutaw lill-imputat li kellu xi haga f'idu jaghmel gest li qieghed jarmi xi haga u rawh jarmi xi haga wara c-cint ghal gox-xaghri. Il-parte civile marret fix-xaghri, li jigi quddiem il-blokka tal-appartamenti, hekk kif l-imputat kien telaq ftit minuti wara u sabet il-cover tad-decoder taghha.
- Karen Lee Gauci wkoll tikkonferma l-presenza tal-imputat fl-istess hin u gurnata u ratu jaqbez ic-cint fejn kellu l-karozza tieghu u hija kkonfermat li fl-istess post fejn kien hemm l-akkuzat instab id-decoder.
- L-imputat ma jikkontestax li qabeż ic-cint dakinhar ghal got-triq u r-raguni li ta kienet ghaliex kien mghaggel minhabba li kien nesa c-cwievet. Izda tali raguni moghtija mhiex wisq kredibbli ghaliex huwa evidenti li l-imputat ried jevita li jinqabad bil-cameras.
- Oltre' dan rrizulta wkoll li l-camera tal-imputat proprju kienet mitfija fil-hin tas-serqa u huwa qal li r-raguni kienet ghax kien hemm il-main mitfi minn barra!
- Inoltre' jirrizulta wkoll li kien hemm kwistjonijiet bejn l-imputat u l-konjugi Caruana.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni li kkommetta hsara volontarja din ma tirrizultax mill-atti li giet ippruvata.

Inkwantu ghall-addebitu tar-recediva, l-imputat gie addebitat bl-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Tali addebitu ma jirrizultax li gie ppruvat billi ebda sentenza ma giet prezentata[16].

**Piena**

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjonin-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat. Tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghal sentenza ta' prigunerija li ghandha tigi sospiza.

Il-Qorti abbazi tad-dokumentazzjoni prezentata li lanqas ma giet igguramentata u inoltre' lanqas biss hemm kwantifikat b'mod separat kemm l-oggetti derubati jiswew effettivament ma tqisx li tista' tordna li jithallsu lura. L-ammonti msemmija mill-parte leza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom mhumiex korretti.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(e), 267, 269(g), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu b'dan li mhux qieghed jinstab hati tal-kwalifika tal-mezz u tikkundannah ghal tmintax-il xahar (18) prigunerija li bl-

[16] Ghalkemm fil-qoxra tal-process hemm sentenza li tidher li inghatat fil-konfront tal-imputat biss pero' la mill-atti u lanqas mix-xhieda ma tirrizulta li giet prezentata formalment fl-atti u ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx li tista' tiehu konjizzjoni taghha.

applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien sentejn (2). L-imputat mhux qieghed jinstab hati tat-tieni imputazzjoni u tal-addebitu tar-recediva migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant minnhom qieghed jigi liberat.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €730.70 rapprezentanti hlas tal-espert nominat[17].

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-konsegwenzi jekk l-imputat jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli**

**Magistrat**

[17] Il-hati mhux qieghed jigi kkundannat ihallas l-ispejjez relatati mal-hatra ta' Joseph Mallia billi dawn ma kienux ta' siwi ghal sejbien ta' htija.